MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2010

Appell Civili Numru. 407/2009/1

**David Galea, Rosette Fenech Adami, Carmen Farrugia u Godwin Farrugia**

**vs**

**Donald Borg**

**Il-Qorti,**

Fis-26 ta' Jannar, 2010, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti provvediment fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti:-
>
> Rat ir-rikors pprezentat mir-rikorrent Donald Borg nhar is-sitta w ghoxrin (26) t'Ottubru 2009 fejn ippremetta s-segwenti:-

*"1. Illi fl-ghoxrin (20) t'Ottubru 2009, is-sekwestrant Borg gie nfurmat minn Bank Kummercjali li s-sekwestranti kienu pprezentaw Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv kontra tieghu ghas-somma pretiza w allegatament dovuta ta' EURO 8,540.82 u dan ghar-ragunijiet allegatament dovuti fir-rikors de quo. Fl-fatt bhal ma jirrizulta mir-riferti annessi mal-Mandat de quo, is-sekwestranti lanqas biss ghamlu tentattiv sabiex jinnotifikaw is-sekwestrat Borg.*

*2. Illi s-sekwestrat Borg qieghed jipprevalixxi ruhu mill-Artikolu 281 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u qieghed ghalhekk jaghmel dan ir-rikors sabiex jitlob lil din il-Qorti thassar l-Mandat ta' Sekwestru bin-numru 3115/09CSH ghar-ragunijiet segwenti:-*

*3. **<u>Il-Kuntratt Pubbliku gie rez ezekuttiv?</u>***

*Is-sekwestranti qed jibbazaw it-talba taghhom fuq "**kuntratt pubbliku tas-27 ta' Ottubru 2003 rez esekuttiv b'ittra ufficcjali numru 623/07 anness**". Is-Sekwestrant Borg jikkontendi li dan il-kuntratt pubbliku qatt ma gie rez ezekuttiv, stante li ma saritx id-debita notifika ai termini tal-ligi.*

***L-Artikolu 185 tal-Kap 12** tal-Ligijiet ta' Malta jghid testwalment illi:-*

***"Bla hsara ghad-disposizjonijiet tal-artikolu 186(1), meta skrittura ghandha tkun notifikata lil tnejn min nies jew izjed, ukoll jekk dawn ikunu jghixu flmikien fl-istess indirizz, kull wiehed minnhom ghandu jigi notifikat b'kopja ta' dik l-iskrittura."***

*Fil-kaz in ezami "l-iskrittura" li "ghandha tkun notifikata" sabiex trendi l-kuntratt pubbliku ezekuttiv, m'hija xejn ghajr ittra ufficcjali li huwa l-mezz illi bih l-ligi trid illi jigu rezi ezekuttivi kuntratti pubblici.*

*Jekk wiehed ihares lejn l-ittra ufficcjali u r-riferta taghha annessi tal-Mandat de quo, jirrizulta bic-car illi s-sekwestranti ghazlu li jinjoraw dak provdut b'mod tassattiv fl-Artikolu 185 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta meta pprezentaw l-ittra ufficcjali u totalment injoraw u naqsu milli jinnotifikaw lil mart Donald Borg u cioe Antonia Borg. Dan il-fatt wahdu, jwassal f'sitwazzjoni fejn, ghalkemm Donald Borg gie notifikat bl-ittra ufficcjali, ma servitx sabiex trendi l-kuntratt pubbliku tas-sebgha w ghoxrin (27) t'Ottubru 2003 ezekuttiv. Kien hemm u ghad hemm, il-bzonn illi kemm Donald Borg kif ukoll Antonia Borg, jigu notifikati sabiex wiehed jista jargumenta li l-kuntratt pubbliku gie rez ezekuttiv.*

*A bazi ta' dan il-fatt wahdu ghaldaqstant, is-sekwestrat umilment jitlob illi l-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv ipprezentat kontra tieghu, jigi imhassar* ***ghall-kollox*** *a spejjez tas-sekwestranti.*

*4. In addizzjoni u MINGHAJR PREGUDIZZJU ghas-suespost, fl-eventwalita illi din l-Onorabbli Qorti ma tilqax it-talba ghar-revoka totali tal-Mandat ta' Sekwestru bin-numru 3115/09CSH, is-sekwestrant xorta wahda qed jitlob din il-Qorti, sabiex ai termini ta' l-Artikolu 281 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, thassar* ***in parti*** *l-Mandat fuq imsemmi ghal dawn ir-ragunijiet ulterjuri:-*

*5.* ***Is-Sorti.***

*Skond dak imnizzel fil-Mandat, is-sekwestrant qed jitolbu s-somma ta' Euro 5,241.09 bhala sorti u dan skond "****kuntratt pubbliku tas-27 t'Ottubru 2003 rez ezekuttiv b'ittra ufficjali numru 632/07****". Bir-rispett kollu, din il-figura msemmija mis-sekwestranti, hija totalment inkorretta kif ser jigi spjegat aktar 'l isfel f'dan ir-rikors:*

*Jinghad mill-ewwel illi m'hemmx ovvjament kontestazzjoni dwar il-fatt illi skond il-kuntratt pubbliku fuq imsemmi, is-sekwestrat Borg obbliga ruhu ma martu (li incidentalment lanqas biss ma giet iccitata fil-Mandat de quo) sabiex huwa ihallas is-somma ta' tlett elef lira maltin (LM3,000) illum Euro 6,988.12. Jekk wiehed inaqqas il-figura mitluba mis-sekwestranti u cioe EURO 5,241.09 bhala sorti mis-somma ta' EURO 6,988.12 imsemmi fil-kuntratt, jirrizulta li skond is-sekwestranti, is-sekwestrat Borg hallas biss Euro 1,747.03 (jew LM750 fi flus maltin) akkont tas-somma dovuta. Ir-realta hija li s-sekwestrat Borg hallas doppju ta' din is-somma u dan jafuh sewwa s-sekwestranti li qieghdin permezz tal-Mandat li huma pprezentaw, jippruvaw japprofittaw ruhhom u jirrikkixxu ruhhom indebitament w ingustament ghad-dannu tas-sekwestrat:-*

*Il-Kuntratt pubbliku kien gie iffirmat fis-sebgha w ghoxrin (27) t'Ottubru 2003. Wara din id-data saru is-segwenti pagamenti mis-sekwestrat:-*

- *21 ta' Jannar 2005 – LM250 (illum Euro 582.34) permezz ta' bank draft indirizzat lil Dr Raphael Fenech Adami (Dok AN1).*

- *30 ta' Settembru 2007 – Lm500 (illum Euro 1,164.69) permezz ta' cekk bin-numru 5875 indirizzat lil Dr. Raphael Fenech Adami (Dok AN 2)*

- *30 ta' Dicembru 2007 – LM500 (illum Euro 1,164.69) permezz ta' cekk bin-numru 5876 indirizzat lil Dr. Raphael Fenech Adami (Dok AN 3)*

- *30 ta' Jannar 2008 - LM250 (illum 582.34) permezz ta' cekk bin-numru 6155 indirizzat lil Dr Raphael Fenech Adami (Dok AN 4).*

*Ta' min jghid illi l-ahhar tlett cekkijiet gew mghoddija personalment mill-Avukat Dr. Antoine Naudi lil Avukat Dr. Raphael Fenech Adami akkont tas-sorte fir-Registru ta' din il-Qorti u kollha ssarrfu, kif jirrizulta mid-dokumenti necessarji bankarji annessi w immarkati (Dok AN 5).*

*Dan ifisser illi sal gurnata ta' llum, is-sekwestrat Borg hallas lis-sekwestranti s-somma ta' Euro 3,494.06 (ekwivalenti ghall LM1,500) akkont mis-sorte u fadallu biss ihallas is-somma ta' Euro 3,494.06 u mhux is-somma ta' Euro 5,241.09 mitluba mis-sekwestranti.*

*Ta' min jghid ukoll illi nonostante li s-sekwestrat u l-Avukat tieghu ilhom snin twal jitlobu, anke permezz ta' ittra legali, sabiex jinghataw ricevuti ghal dawn il-hlasijiet illi saru kif ukoll ghal pagamenti ohrajn effettwati 'n konnessjoni ma drittijiet u spejjez gudizzjarji (dawn il-pagamenti wahdehom jammontaw ghas-somma ta' Euro 3,645.47), sa llum la is-sekwestrat u lanqas l-Avukat tieghu m'inghataw ricevuti kif ghandhom kull dritt ai termini tal-ligi. Il-prezentata ta' dan il-Mandat minghajr ebda pre avviz u f'mument meta s-sekwestrat, tramite l-avukat tieghu, ilu snin jitlob l-ircevuti sabiex jigi regolarizzat il-kont, jaghti dimensjoni ohra ghar-raguni ghalfejn forsi s-sekwestranti zammew lura milli jaghtu l-ircevuti. Wiehed jittama illi dan mhux il-kaz izda zgur illi dan huwa l-ewwel hsieb illi bilfors jghaddi minn ras is-sekwestrat.*

*6.* ***L-imghax***

*Skond dak imnizzel fil-Mandat, is-sekwestranti qed jitolbu s-somma komplessiva ta' Euro 3,074.76 bhala imghaxx legali kalkolati skond huma, kwantu ghas-somma ta' Euro 2,236.19 rapprezentati mghaxx mis-27 t'Ottubru 2003 sa Ottubru 2007 kalkolati fuq is-somma ta' Euro*

*6,988.12 u kwantu ghas-somma ta' Euro 838.57 rapprezentanti mghaxx minn Ottubru 2007 sa Ottubru 2009. Hawnhekk ukoll bir-rispett kollu din is-sekwestranti huma nkorretti ghal diversi ragunijiet:-*

*Ibda biex wiehed janalizza l-kuntratt pubbliku li a bazi tieghu hareg il-Mandat, jinghad testwalment illi:-*

*"**Donald Borg proprio et nomine jintrabat u jobbbligaw ruhhom illi jhallsu l-imsemmi ammont ta' LM3,000 permezz ta' pagament rateali li m'ghandhomx ikunu anqas minn elf lira (LM1,000) fis-sena <u>minghajr imghaxx</u> lil ahwa Galea li jaccettaw**" (**sottolinear mizjud).**"*

*Dan ifisser illi l-partijiet kienu ftiehmu li s-somma kapitali jew ahjar il-hlas lura tas-somma kapitali, kellha tkun bla imghaxx. Wiehed naturalment jippretendi li f'kuntratt ikun hemm klawsiola li tghid x'jigri f'kaz li d-debitur jonqos li jhallas is-somma kapitali fit-terminu prefiss. Normalment il-klawsola tkun fis-sens illi d-debitur jitlef il-beneficcju tat-terminu taz-zmien u l-ammont kollu, cioe is-somma kapitali jew bilanc tieghu, jigi dovut f'salt b'imghaxx mid-data tal-kuntratt.*

*Qed tintuza l-kelma 'normalment' ghaliex fil-kaz in ezami din in-norma ma gietx segwita. Fil-fatt jekk wiehed ihares lejn l-att pubbliku jirrizulta bl-iktar mod lampanti illi:-*

***"F'kaz illi Donald Borg proprio et nomine jonqsu li jottemporaw ruhhom mal-fuq msemmija obbligazzjoni u jibqghu hekk inadempjenti, zmien hmistax il-gurnata minn meta huwa jigi interpellat ghal hlas permezz t'ittra gudizzjarja huwa jitlef il-beneficcju tat-terminu koncess lilu hawn koncess fuq dan l-att."***

*Jigifieri l-partijiet kienu ftiehmu BISS illi f'kaz illi Donald Borg, is-sekwestrat odjern ma hallasx ma martu l-ammont mitlub huwa jitlef biss il-beneficcju taz-zmien w allura l-bilanc tas-somma kapitali jigi dovut f'salt. Izda wiehed imkien ma jsib il-kelma 'mghaxx' u dan proprju ghaliex il-partijiet qatt ma kienu ftehmu dwar l-imghaxx. Kienu ftiehmu biss illi Borg kellu jhallas lura somma kapitali bla imghaxx. Is-sekwestranti ma jistghux jippruvaw jikkrejaw kundizzjoni unilaterali li ma kienitx tesisti fil-kuntratt pubbliku sempliciment ghaliex is-sekwestrat naqas illi jhallas fit-terminu prefiss. Kieku riedu jimponu l-imghaxx, setghu ghamlu hekk fil-kuntratt, izda certament mhux issa.*

*Dan ifisser illi ma hemm l-ebda ammont t'imghaxx dovut fuq il-bilanc tas-somma kapitali dovuta.*

*MINGHAJR PREGUDIZZJU ghal dak kontenut aktar qabel f'dan ir-rikors jinghad illi jekk din l-Onorabbli Qorti thoss illi l-argument tas-sekwestrat mhux korrett u li allura hemm xi imghaxx dovut, wiehed irid bilfors jiddetermina fuq liema ammont ghandu jigi kalkulat l-imghaxx, minn meta ghandu jiddelorri u b'liema rata t'imghaxx. F'dan ir-rigward is-sekwestrat jikkontendi illi jekk hemm x' imghaxx dovut:-*

- *Dan ghandu jigi kalkolat fuq il-bilanc tas-somma kapitali u cioe Euro 3,494.06 (vide klaswola 5 supra ta' dan ir-rikors)*

- *Dan ghandu jiddekorri mill-gurnata li fiha gew notifikati bl-ittra ufficcjali (ghalkemm kif inghad aktar 'l fuq dan ma sarx) u dan ai termini ta' l-**Artikolu 1141 (2) tal-Kap 12** tal-Ligijiet ta' Malta u mhux mid-data tal-kuntratt pubbliku, li f'kwalunkwe kaz kif intqal iktar 'l fuq, ma kienx jikkontempla hlas t' imghaxx.*

- *Dan ghandu jkun bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) ai termini ta' **L-artikolu 1139 u 1140 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta.*

*7. __L-Ispejjez__*

*Is-sekwestrat ma jhossx illi ghandu jbati l-ispejjez imsemmija fit-taxxa annessa mal-Mandat ta' Sekwestru tas-sekwestranti f'mument meta huwa qed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tirrevoka l-istess Mandat ghar-ragunijiet imsemmija f'dan ir-rikors.*

*Oltre dan is-sekwestrat jinnota li ghalkemm il-Mandat ta Sekwestru hareg fit-13 t'Ottubru 2009, b'mod misterjuz it-taxxa tal-Qorti hija datata 9 t'Ottubru 2009 u cioe erbat ijiem qabel ma hareg il-Mandat. Tant huwa minnu dan illi t-taxxa lanqas biss taghmel refrenza ghan-numru tal-Mandat ta' Sekwestru fil-parti ta' fuq il-lemin. Bir-rispett, it-taxxa mahruga ma tistax titqies bhala valida w ghalhekk is-sekwestrat m'ghandux ibati dawn l-ispejjez.*

*Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet premessi, is-sekwestrat umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-*

*F'kaz illi tilqa t-tezi tieghu illi t-titolu ezekuttiv ma giex rez ezekutiv ai termini tal-ligi kif spjegat fil-klawsola (3) ta' dan ir-rikors, thassar ghall-kollox il-Mandat ta' Sekwestru bin-numru 3115/2009CSH bl-ispejjez kontra s-sekwestranti:*

*U F'kaz li ma tilqax it-tezi tieghu ghat-thassir ghal kollox tal-Mandat ta' Sekwestru bin-numru 3115/09CSH, thassarha 'n parti a spejjez tas-sekwestranti u dan ghar-ragunijiet l-ohra msemmija fil-klawsoli erbgha(4) et seq ta' dan ir-rikors."* (sottolinear u tipa hoxna hija dik murija fuq l-original tar-rikors promotur).

Rat id-digriet taghha tat-tmienja w ghoxrin (28) t'Ottubru 2009 fejn ordnat notifika ta' dan ir-rikors lill-kontroparti b'erbat ijiem zmien ghar-risposta w appuntatu ghas-smiegh ghal nhar l-ghaxra (10) ta' Novembru 2009.

Rat in-nota tar-rikorrenti pprezentata seduta state fil-hmistax (15) ta' Dicembru 2009 li permezz taghha huwa esebixxa sebgha dokumenti li gerw markati bhala Dok. RFA 1 sa RFA 7 rispettivament.

Semghet il-partijiet jittrattaw ir-rikors fis-seduta tal-hmistax (15) ta' Dicembru 2009.

Ikkunsidrat:-

Illi din il-kawza tirrigwarda allegat debitu tal-intimat li skond l-intimat, gie rez ezekuttiv permezz t'ittra ufficcjali prezentata ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ir-rikorenti minn naha l-ohra, qed ighid li dan id-debitu naxxenti minn kuntratt pubbliku, qatt ma setgha gie rez ezekuttiv permezz tal-ittra ufficcjali citata minnu fir-rikors promotur ghaliex d-debituri kollha ma gewx notifikati biha w ghalhekk, fil-fehma tieghu, skond l-Artikolu 185 tal-Kap 12, din il-Qorti ghandha thassar u tirrevoka l-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv li hareg in segwitu.

Il-Qorti ezaminat l-atti tal-kawza u jirrizultalha s-segwenti:-

1. Illi l-intimat Donald Galea w ohtu Carmen Farrugia proprio et nomine, ffirmaw kuntratt flimkien mar-rikorrenti Donald Borg u martu Antonia Borg nhar is-segha w ghoxrin (27) t'Ottubru 2003 fejn l-intimat u ohtu kkostitwew ruhhom certi likwidi debituri tar-rikorrenti f'somma ta' tlett elef lira maltin

(LM3,000) rapprezentanti din is-somma l-valur bonarjament patwit bejniethom .

2. Illi f'dan il-kuntratt hemm il-modalita ta' kif l-intimati ghandhom ihallsu lura lir-rikorrenti s-somma patwita u miftiehma bejniethom.

3. Gara minn ezami ta' kopji tad-diversi ittri mibghuta mir-rikorrenti, li l-intimati m'onorawx dan il-kuntratt w ghalhekk ma onorawx l-obbligazzjonijiet taghhom u r-rikorenti ghalhekk, fittex passi gudizzjarji sabiex jirrendi t-titolu tieghu wiehed ezekuttiv.

4. Illi nhar it-tnejn (2) ta' Frar 2007 David Galea proprio et nomine pprezentaw ittra ufficcjali kontra Donald Borg wahdu, fejn interpellawh ihallas id-debitu minnu dovut u dan gie notifikat lil Donald Borg nhar it-tmienja (8) ta' Frar 2007, kif jirrizulta mit-timbru tal-Marixxal Mario Mizzi.

5. Mill-atti processwali ma jirrizultax li Donald Borg ikkontesta din l-ittra ufficcjali w ghalhekk, id-debitu naxxenti minn dan il-kuntratt gie rez ezekuttiv fil-konfront ta' Donald Borg.

M'hemmx dubbju li t-titolu li ghandu l-intimat, huwa wiehed ezekuttiv kif deskritt fl-artikolu 253 (b) tal-Kap 12. Illi skond l-Artikolu 256(2) l-inforzar ta' titiolu ezekuttiv kif deskritt fl-Artikolu 253(b), jista' jigi enforzat wara l-gheluq ta' jumejn mid-data ta' servizz ta' ittra ufficcjali mibghuta lid-debitur, f'dan il-kaz ir-rikorrent.

Illi jirrizulta li l-intimat mar biex jinforza t-titolu tieghu permezz ta' Mandat ta' Sekwestru bin-numru 3115/09CSH prezentat fit-tlettax (13) t'Ottubru 2009 u cioe aktar minn sentejn u nofs

wara li r-rikorrenti gie nterpellat b'ittra ufficcjali sabiex ihallas id-debitu tieghu.

Illi huwa minnu li l-Artikolu 185 tal-Kap 12 jipprovdi li f'kaz ta' skrittura, f'dan il-kaz ittra ufficcjali, ghandha tigi notifikata lil tnejn minn nies jew izjed, kull wiehed minnhom ghandu jigi notifikat b'kopja ta' dik l-iskrittura, pero l-ligi ma tghidx li jekk dan ma jsirx, in-notifika tal-persuna hekk notifikata, hija nulla u bla effett.

Dan l-artikolu jfisser li f'kazijiet bhal dawn, l-persuni kollha jridu jigu notifikati bl-att b'mod distint u jekk le, l-ezekuzzjoni ta' dik l-iskrittura ma tistax isehh fil-konfront ta' min ma giex notifikat.

Ghalhekk, f'dan il-kaz, la r-rikorrenti gie notifikat bl-ittra ufficcjali meta gie interpellat sabiex ihallas u m'ghamel xejn dwar din l-interpellanza ghal zmien tnejn u tletin xahar, dan jindika li l-istess rikorrenti ma riedx jikkontesta t-talba rikorrenti - zgur li ma jistax jinghad li n-notifika ma hiex valida.

Illi ghalhekk, l-ewwel talba fil-konfront tal-intimat li jigi mhassar ghal kollox il-Mandat bin-numru 3115/09CSH, qed tigi michuda.

Dwar it-tieni talba rikorrenti sabiex fin-nuqqas li thassar ghal kollox il-Mandat numru 3115/09CSH, thassru 'n parti a spejjez tal-intimat sekwestranti, l-Qorti rat li tali talba ma hi bazata fuq l-ebda disposizzjoni tal-ligi w ghalhekk qed tigi michuda.

L-ispejjez ta' din il-procedura ghandhom jigu sopportata mir-rikorrenti."

Minn dan il-provvediment ta' l-ewwel Qorti appella r-rikorrenti Donald Borg limitatament biex jikkwerela dik il-parti tieghu li cahditlu t-talba alternattiva relattiva ghat-

thassir <u>in parte</u> tal-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv Numru 3115/09;

Huwa mill-ewwel evidenti mill-kontenut ta' l-istess provvediment illi b'semplici erba' kelmiet l-Qorti tal-Magistrati ddisponiet minn dik it-talba bid-deduzzjoni illi din ma kienet bazata fuq l-ebda disposizzjoni tal-ligi. Konsegwentement, ghaddiet biex tichadha minghajr ma investiet l-elementi ta' l-opposizzjoni propunjati mill-appellanti in referenza ghall-kwantum ta' l-ammont kapitali pretiz, l-imghaxijiet relattivi fuq l-istess, u l-ispejjez ta' l-istess Mandat;

Posta l-kwestjoni, huwa kjarament ovvju illi l-pronunzjament ta' l-ewwel Qorti hu manifestament zbaljat, anke ghaliex kien bil-bosta lampanti mir-rikors promotur devolut lilha illi l-appellanti kien qieghed jartikola l-opposizzjoni tieghu fuq id-dispost ta' l-Artikolu 281 tal-Kodici ritwali li, fl-ewwel subinciz tieghu, jipprovdi hekk "minghajr pregudizzju ghal kull jedd iehor taht din il-ligi jew xi ligi ohra, persuna kontra min jinghareg att esekuttiv jew xi persuna ohra interessata, tista' taghmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijet kollha li tista' tkun tixtieq taghmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun harget dak l-att fejn titlob li l-att esekuttiv jithassar, <u>sew ghal kollox jew f'parti minnu biss</u> ghal raguni valida skond il-ligi";

Jirrizulta mill-atti processwali ta' l-inkartament tal-kaz quddiem l-ewwel Qorti dan li gej:-

(1) B'kuntratt tas-27 ta' Ottubru 2003 l-appellanti u martu kkostitwew ruhhom debituri versu l-appellati fis-somma ta' tliet elef lira (Lm3000), liema somma kellha tithallas b'pagamenti rateali ta' elf lira (Lm1000) fis-sena <u>minghajr imghax</u>;

(2) B'ittra ufficcjali tat-2 ta' Jannar, 2007 (Numru 623/07) l-appellati interpellaw lill-appellanti jhallas ai

termini tal-precitat kuntratt is-somma ta' Lm3000. Fiha jinghad li "l-interpellazzjoni qeghda ssir ai termini tal-Kap. 16 (*recte,* Kap 12) tal-Ligijiet ta' Malta sabiex tikkostitwixxi titolu esekuttiv fuq il-kreditu hawn indikat". Jigi notat illi, bil-kontra ta' dak dedott mill-Qorti Inferjuri, din l-ittra ufficcjali ma nhargetx ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12;

(3) Fit-termini, sew tal-kuntratt, kif ukoll ta' l-ittra ufficcjali, l-appellati talbu u ottjenew il-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv Numru 3115/09 fl-ammonti fl-istess indikati. Huma proprju dawn l-ammonti li gew mill-appellanti kkontestati permezz tar-rikors promotur tieghu tas-26 ta' Ottubru, 2009;

L-ezami ta' din il-kontestazzjoni ma saretx mill-ewwel Qorti ghall-motiv aktar 'il fuq riprodott. Din il-Qorti hi tal-fehma illi kien dmir ta' l-ewwel Qorti li tistharreg il-lanjanza ta' l-appellanti in kwantu l-Artikolu 281 predett kien jikkonsentixxi illi l-opposizzjoni proposta minnu fil-kontront tal-Mandat ezekuttiv tigi ezaminata. Dan qed jigi rilevat ghaliex a sensu ta' dan l-istess Artikolu d-debitur seta' jsostni b'kontestazzjoni illi fl-atti tal-mandat kienet qed tintalab somma kapitali in eccess ta' dak dovut ghal raguni tal-pagamenti allegatament maghmula, jew ukoll illi l-interessi reklamati ma kienux dovuti skond il-kuntratt li kkreja t-titolu ezekuttiv, kemm ghal kollox jew ukoll in parte;

Distingwibilment, tali kontestazzjoni ma tkunx tista' tinvesti r-regolarita` formali tat-titolu ezekuttiv *ut sic* jew ta' xi opposizzjoni ghall-istess titolu ezekuttiv ghaliex tali indagini mhix akkonsentita permezz tal-predetta disposizzjoni tal-ligi. Hi pero` permissibbli kontestazzjoni ghall-ezekuzzjoni tal-mandat ko-involgenti l-istharrig ta' kwestjoni tad-dritt sostanzjali tal-kreditur li jikkonsegwixxi b'mod ko-att, ad ezempju l-ammont tal-kreditu (jew parti minnu) kif hekk pretiz f'dan il-kaz. Ta' din l-istess espressjoni ta' fehma kienet il-Qorti Civili, Prim' Awla per Imhallef Joseph R. Micallef fid-decizjoni taghha tas-7 ta'

April, 2009 in re: “**Jimcam Enterprises Ltd -vs- Charles Zammit *et***”. Fiha nghad illi “l-ghan li ghaliha ddahhlet il-procedura taht l-Artikolu 281 tal-Kodici tal-Procedura huwa marbut ma' xi ghelt jew nuqqas fl-att ezekuttiv innifsu, li, bis-sahha tieghu, il-parti ezekutata tbati pregudizzju. Ghalhekk ma kienitx il-fehma tal-legislatur li din il-procedura tintuza biex il-mandat jew att ezekuttiv iehor jigi attakkat jew imhassar ghal ragunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnfisu li, bis-sahha tieghu, l-istess att ezekuttiv ikun inhareg”;

Ipprecizat u affermat illi l-opposizzjoni ghall-Mandat ezekuttiv tista’ ssir ghal xi raguni li tiddelegittima l-pretensjoni kreditorja, ragonevolment, din il-Qorti mhix ser tinvestiga f’dan l-istadju jekk l-appellanti ghandux raguni fl-assunt tieghu, ghaliex tali ezercizzju hu mistenni li jsir mill-ewwel Qorti li lilha ser jigu rimessi lura l-atti ghal dan l-iskop. Dan, ukoll, in omagg ghal beneficcju tad-*doppio esame* lill-istess partijiet fil- kontestazzjoni.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell lilha devolut fis-sens li qed thassar u tirrevoka dik il-parti tal-provvediment ta’ l-ewwel Qorti li cahdet t-talba ta’ l-appellanti ghat-thassir in parte tal-Mandat ta’ Sekwestru Ezekuttiv Numru 3115/09. Tirrinvija l-atti lura lill-ewwel Qorti ghall-ezami u decizjoni ta’ l-istess talba in bazi ghan-normattiva prevvista fl-Artikolu 281 tal-Kapitolu 12. L-ispejjez tal-prezenti appell jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet. Dawk ta’ l-ewwel Qorti, li qed jigu bil-prezenti mhassra, jitbatew skond il-gudizzju finali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------